MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 736/2004

**Guido Vella**

**vs**

**Anthony sive Tony Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ April, 2004 fejn intalab il-hlas ta’ sitt mija u hmistax-il lira Maltija (Lm615.00) bhala bilanc totali ta’ hlasijiet lilu dovuta ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut f’diversi dati fis-sena 2002 u 2003;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fis-27 ta' April, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hmistax-il lira Maltija (Lm615.00) bl-imghax legali mit-13 ta' April, 2004, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------